



EBA/GL/2014/08

16/07/2014

Linji Gwida

dwar l-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tar-rimunerazzjoni

Status ta' dawn il-Linji gwida

Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ('ir-Regolament tal-EBA'). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.

Il-linji gwida jstabbilixxu l-opinjoni tal-EBA dwar il-prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-EBA għalhekk tistenna li l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li lejhom huma indirizzati l-linji gwida jikkonformaw mal-linji gwida. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti tar-rapportar

Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA jekk jikkonformawx jew jekk ikunux biħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sas-16/09/2014. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola pprovduta fit-Taqsima 5 lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2014/08'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

Titolu I - Is-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet

1. Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida

1.1. Dawn il-Linji Gwida jipprovdu aktar dettalji dwar:

(a) it-tagħrif li għandu jiġi sottomess lill-EBA rigward il-valutazzjoni komparattiva tax-xejriet u tal-prattiki ta' rimunerazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 75(1) tad-Direttiva 2013/36/UE¹;

(b) il-valutazzjoni komparattiva tax-xejriet u tal-prattiki ta' rimunerazzjoni fil-livell taż-ŻEE, il-miżuri li jridu jittieħdu sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tad-dejta miġbura għal dan il-għan u l-involvement proċedurali tal-awtoritajiet kompetenti fl-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tar-rimunerazzjoni tal-EBA ('l-eżerċizzju') skont l-Artikolu 75(2) tad-Direttiva 2013/36/UE.

1.2. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti.

1.3. It-termini definiti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/36/UE jew fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013² għandhom l-istess tifsira f'dawn il-Linji Gwida.

2. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-istituzzjonijiet soġġetti għall-ġbir tad-dejta

2.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-valutazzjoni komparattiva tal-prattiki ta' rimunerazzjoni tkopri mill-inqas 60% tas-settur finanzjarju fformat mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u mid-ditti tal-investment fil-ġurisdizzjoni tagħhom, espress f'termini tal-assi totali aggregati tal-istituzzjonijiet fi tmiem is-sena kalendarja.

2.2. Fejn ma tistax tkun garantita b'mod raġonevoli kopertura ta' 60% mill-awtoritajiet kompetenti, pereżempju minħabba li s-suq ikun iddominat mis-sussidjarji tal-istituzzjonijiet prinċipali taż-ŻEE li jinsabu fi Stat Membru differenti u dawn l-istituzzjonijiet prinċipali fi ħdan iż-ŻEE ma jiġux inklużi fid-dejta rrapportata skont il-lista tal-istituzzjonijiet ipprovduta mill-EBA, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, b'mod alternattiv, jissottomettu tagħrif għal massimu ta' 20 minn fost l-akbar istituzzjonijiet individwali fl-Istat Membru tagħhom.

2.3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinkludu, fl-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva nazzjonali tagħhom, istituzzjonijiet addizzjonali li għalihom jistgħu jqisu li huwa neċessarju li jiġbru dejta dwar ir-rimunerazzjoni.

2.4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħarrfu lill-EBA kull sena dwar l-istituzzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fl-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-EBA. Dan jista' jsir billi l-EBA tiġi informata

¹ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

² Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

dwar kwalunkwe bidliet imqabbla ma' dawk tas-sena ta' qabel. Il-bidliet fil-kampjun ta' istituzzjonijiet għandhom jiġu evitati kemm jista' jkun sabiex jiġi żgurat li l-kampjun jibqa' stabbli. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu dejta għall-istituzzjonijiet kollha inklużi fil-lista ta' istituzzjonijiet stabbilita mill-EBA.

2.5. L-awtoritajiet kompetenti li inkludew sussidjarji fil-lista ta' istituzzjonijiet għandhom jirrevedu l-lista pprovduta mill-EBA sabiex jiżguraw li d-dejta ma tkunx parti minn kwalunkwe dejta kkonsolidata li ser tinġabar. Jekk is-sussidjarja tiġi inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni ta' istituzzjoni inkluża fl-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-EBA, l-awtorità kompetenti għandha titlob lill-EBA sabiex tneħħi lis-sussidjarja mil-lista ta' istituzzjonijiet, biex b'hekk id-dejta għal din is-sussidjarja tiġi sottomessa biss bħala parti mid-dejta kkonsolidata miġbura.

3. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni u l-ġbir tad-dejta

3.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru d-dejta fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni kif stabbilit fl-Ewwel Parti, it-Titolu II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 1 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jiġifieri fil-livell ikkonsolidat taż-ŻEE, billi jiġu koperti s-sussidjarji u l-fergħat kollha fi ħdan grupp, kemm jekk stabbiliti fi Stat Membru jew inkella f'pajjiż terz. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-ġbir tad-dejta dwar ir-rimunerazzjoni għandu jkun l-istess bħall-kamp ta' applikazzjoni għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-fondi proprji kkonsolidati.

3.2. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-supervizzjoni fuq bażi kkonsolidata taż-ŻEE għandhom jiġbru l-informazzjoni deskritta f'dawn il-Linji Gwida mingħand l-istituzzjoni li hija responsabbli sabiex tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 450 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi kkonsolidata.

Titolu II - Rekwiżiti rigward il-format u l-frekwenza tal-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tar-rimunerazzjoni

4. It-tagħrif li għandu jinġabar u s-sottomissjoni għad-dati tal-EBA

4.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru l-figuri li ġejjin fi tmiem is-sena finanzjarja denominati fil-munita euro mingħand l-istituzzjonijiet inklużi fl-eżerċizzju sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena:

- (a) il-mudell ipprovdut fl-Anness 1 li fih dejta dwar ir-rimunerazzjoni tal-membri kollha tal-persunal;

(b) il-mudell ipprovdut fl-Anness 2 li fih tagħrif dwar ir-rimunerazzjoni tal-membri tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni³ (il-membri tal-persunal identifikati);

(c) il-mudell ipprovdut fl-Anness 3 li fih tagħrif dwar il-membri tal-persunal identifikati mħallsin is-somma ta' EUR 1 miljun jew aktar għal kull sena finanzjarja kif imsemmi fl-Artikolu 450(1)(i) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

4.2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiġbru dejta addizzjonali għall-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva nazzjonali tagħhom.

4.3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu d-dejta meħtieġa għall-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-EBA lill-EBAS sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena billi jużaw is-sistema ta' rapportar tal-valutazzjoni komparattiva tar-rimunerazzjoni tal-EBA u billi jsegwu l-ispeċifikazzjonijiet ipprovduti mill-EBA għall-użu ta' din is-sistema.

5. Is-sena ta' referenza tad-dejta miġbura u l-konverżjoni tal-munita

5.1. Id-dejta għandha tinkludi rimunerazzjoni fissa u varjabbli mogħtija għall-prestazzjoni matul is-sena tal-eżekuzzjoni qabel is-sena li fiha ġiet ippreżentata l-informazzjoni.

5.2. Ir-rimunerazzjoni mogħtija abbażi ta' perjodi ta' akkumulazzjoni multiannwali li ma jdurux fuq bażi annwali, jiġifieri, fejn l-istituzzjonijiet ma jibdex perjodu multiannwali ġdid kull sena, għandha tiġi allokata kompletament għas-sena finanzjarja li fiha ngħatat ir-rimunerazzjoni, mingħajr ebda kunsiderazzjoni tal-punt fiż-żmien meta effettivament titħallas ir-rimunerazzjoni varjabbli. Dawn l-ammonti għandhom jiġu rrapportati separatament sabiex tkun tista' ssir analiżi ulterjuri tal-varjazzjonijiet tar-rimunerazzjoni varjabbli mogħtija u ma għandhomx jitnaqqsu mill-ammont ta' rimunerazzjoni varjabbli rrapportat.

5.3. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fuq *l-aġġustamenti* ex-post, inklużi clawback u *malus*, tirreferi għall-applikazzjoni ta' dawn l-arranġamenti għar-rimunerazzjoni diġà mogħtija. Dawn l-ammonti għandhom jiġu rrapportati separatament⁴ u ma għandhomx jitnaqqsu mill-ammont ta' rimunerazzjoni varjabbli rrapportat.

5.4. Huma biss l-ammonti ta' rimunerazzjoni varjabbli mogħtija fis-sena tal-eżekuzzjoni li ġew differiti li għandhom jiġu rrapportati bħala rimunerazzjoni differita. Ir-rimunerazzjoni varjabbli differita għall-perjodi preċedenti li għadha ma ġietx vestita għandha tiġi rrapportata separatament⁵.

³ Ara r-Regolament (UE) Nru 604/2014 (http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:JOL_2014_167_R_0003) abbażi tal-abbozz tal-Istandards Tekniċi Regulatorji tal-EBA.

⁴ Dawn l-ammonti huma rrapportati taħt 'Ammont totali ta' aġġustament espliċitu tal-prestazzjoni ex-post applikat fis-sena N għar-rimunerazzjoni mogħtija qabel'.

⁵ Dawn l-ammonti huma rrapportati taħt l-Artikolu 450(h)(iii) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; l-ammont totali ta' rimunerazzjoni varjabbli differita pendenti mogħtija fil-perjodi preċedenti u mhux fis-sena N'.

5.5. Id-dejta għandha tiġi ppreżentata bl-użu tal-figuri fi tmiem is-sena tal-kontabbiltà f'EUR. L-ammonti kollha għandhom jiġu rrapportati bħala ammonti sħaħ, jiġifieri mhux ammonti arrotondati, f'euro (eż. EUR 1 234 567 minflok EUR 1.2 miljun). Meta r-rimunerazzjoni tiġi divulgata f'munita oħra minbarra l-euro, ir-rata tal-kambju użata mill-Kummissjoni għall-programmazzjoni finanzjarja u l-baġit għal Diċembru tas-sena tar-rapportar għandhom jintużaw għall-konverżjoni tal-figuri kkonsolidati li jridu jiġu rrapportati⁶.

5.6. Meta n-numri jkunu jridu jiġu rrapportati f'termini tan-numru ta' ħaddiema, għandu jiddaħħal in-numru ta' persuni fiżiċi, indipendentement min-numru ta' sigħat tax-xogħol li fuqhom huwa bbażat il-kuntratt tagħhom. Meta n-numri jkunu jridu jiġu rrapportati f'termini tal-ekwivalenti għal full-time, in-numru għandu jkun ibbażat fuq il-perċentwal taż-żmien li membru tal-persunal ikun impjegat imqabbel ma' kuntratt fuq bażi full-time (eż. jiġi rrapportat 0.5 għal membru tal-persunal li qed jaħdem fuq bażi part-time).

5.7. Il-membri tal-persunal għandhom jiġu kklassifikati skont il-funzjoni jew il-qasam tan-negozju fejn huma jwettqu l-parti predominanti tal-attivitajiet kummerċjali tagħhom. L-ammont sħiħ ta' rimunerazzjoni mogħtija lil dak il-membri tal-persunal fi ħdan il-grupp jew l-istituzzjoni għandu jiġi rrapportat taħt din il-funzjoni jew dan il-qasam tan-negozju.

6. Il-kwalità tad-dejta

6.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-kompletezza u l-plawżibbiltà tad-dejta rrapportata minn kull istituzzjoni li tiegħu sehem fl-eżerċizzju.

6.2. Bil-għan li jiżguraw il-kwalità għolja tad-dejta, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli addizzjonali u speċifiċi fuq il-kwalità tad-dejta, fejn jintalbu jagħmlu dan mill-EBA.

Titolu III – Dispożizzjonijiet tranżitorji u implimentazzjoni

7. Tħassir

Il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tar-rimunerazzjoni (EBA/GL/2012/04), ippubblikati fis-27 ta' Lulju 2012, huma rrevokati b'effett immedjat.

⁶ L-EBA tipprovdi link għall-informazzjoni fuq is-sit elettroniku tagħha flimkien ma' dawn il-Linji Gwida; ir-rata tal-kambju tista' wkoll tiġi aċċessata taħt http://ec.europa.eu/budget/contracts_grants/info_contracts/infoeuro/infoeuro_en.cfm.

8. Arranġamenti tranżitorji

8.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru d-dejta relatata mas-sena tal-eżekuzzjoni 2013 mingħand l-istituzzjonijiet sa data li tiżgura li d-dejta relatata mas-sena tal-eżekuzzjoni 2013 tiġi sottomessa lill-EBA sat-30 ta' Novembru 2014.

8.2. Għad-dejta relatata mas-sena tal-eżekuzzjoni 2013, 'il-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni' jitqiesu bħala dawk li huma deskritti fl-Anness V, it-Taqsima 11(23) tad-Direttiva 2006/49, kif emendata mid-Direttiva 2010/76/UE.

8.3. Meta d-dejta li tkun trid tiġi ppreżentata għas-sena tal-eżekuzzjoni 2013 ma tkunx tista' tiġi identifikata fil-funzjonijiet u fl-oqsma tan-negozju speċifikati f'dawn il-Linji Gwida, l-istituzzjonijiet jistgħu jirrapportaw, għall-2013, bl-użu tal-mudelli inklużi f'dawn il-Linji Gwida, dejta aggregata għall-funzjonijiet tal-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu u tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu, għall-funzjonijiet korporattivi u għall-funzjonijiet ta' kontroll indipendenti taħt il-kategorija 'l-oħrajn kollha'.

9. Data tal-applikazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimplimentaw dawn il-Linji Gwida billi jinkorporawhom fi f'dan il-proċeduri superviżorji tagħhom sal-31 ta' Ottubru 2014. Wara dik id-data, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jikkonformaw magħhom b'mod effettiv.

Anness 1 – Tagħrif dwar ir-rimunerazzjoni għall-membri kollha tal-persunal

Isem tal-istituzzjoni/grupp:								
Is-sena tal-eżekuzzjoni li għaliha tingħata r-rimunerazzjoni (sena N):								
	Il-funzjoni Superviżorja tal-korp maniġerjali ¹	Il-funzjoni Maniġerjali tal-korp maniġerjali ²	Servizzi bankarji ta' investiment ³	Servizzi bankarji bl-imnut ⁴	Ġestjoni tal-assi ⁵	Funzjonijiet korporattivi ⁶	Funzjonijiet ta' kontroll indipendenti ⁷	L-oħrajn kollha ⁸
L-għadd ta' membri (in-numru ta' ħaddiema)	#	#						
In-numru totali ta'			#	#	#	#	#	#

¹ Il-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu; dan jinkludi diretturi mhux eżekuttivi ta' kwalunkwe bord fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni, skont l-Artikolu 3(1)(8) tad-Direttiva 2013/36/UE. Il-membri għandhom jiġu assenjati f'din il-kategorija wara li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-punt 5.7 ta' dawn il-linji gwida. Il-miżati tal-attenzenza għandhom jiġu rrapportati bħala rimunerazzjoni.

² Il-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu skont l-Artikolu 3(1)(7) tad-Direttiva 2013/36/UE li għandhom funzjonijiet eżekuttivi fi f'dan il-korp maniġerjali; dan jinkludi d-diretturi eżekuttivi kollha ta' kwalunkwe bord fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni.

³ Inklużi servizzi korporattivi ta' konsulenza finanzjarja, ekwità privata, swieq kapitali, kummerċ u bejgħ.

⁴ Inklużi l-attività tal-kiri totali (lil individwi u intrapriżi).

⁵ Inklużi l-ġestjoni tal-portafoll, il-ġestjoni tal-UCITS u forom oħrajn ta' ġestjoni tal-assi.

⁶ Il-funzjonijiet kollha li għandhom responsabbiltajiet għall-istituzzjoni kollha fil-livell konsolidat u għas-sussidjarji b'funzjonijiet bħal dawn fil-livell individwali, eż. ir-Riżorsi Umani, l-IT.

⁷ Il-persunal attivi fil-funzjonijiet indipendenti tal-ġestjoni tar-riskji, tal-konformità u tal-verifika interna kif deskritti fil-linji gwida tal-EBA dwar il-governanza interna. Tali rekwiżiti tar-rapportagħ għandhom japplikaw għal dawn il-funzjonijiet fil-livell konsolidat u għas-sussidjarji b'funzjonijiet bħal dawn fil-livell individwali.

⁸ Membri tal-persunal li ma jistgħux jiġu identifikati f'wieħed mill-oqsma tan-negozju l-oħrajn.

membri tal-persunal f'FTE⁹								
Il-profitt nett totali fis-sena N (f'EUR)¹⁰	Ammont sħiħ f'euro (e.g. 123 456 789.00)							
Rimunerazzjoni totali (f'EUR)¹¹								
Li minnhom: rimunerazzjoni varjabbli (f'EUR) ¹²								

⁹L-għadd ta' persunal għandu jiġi espress f'ekwivalenti għal full-time (FTE) u jkun ibbażat fuq in-numri ta' tmiem is-sena.

¹⁰Il-profitti netti għandhom ikunu bbażati fuq is-sistema tal-kontabilità li tintuża għar-rapportaġġ regolatorju. Għal gruppi, huwa l-profitt (jew it-telf) ibbażat fuq il-kontijiet ikkonsolidati.

¹¹Ir-rimunerazzjoni totali tinkludi r-rimunerazzjoni fissa u varjabbli. L-ammonti ta' rimunerazzjoni pprovduti għandhom ikunu numri gross, inklużi l-ispejjeż kollha għall-istituzzjonijiet, għajr il-kontribuzzjonijiet obligatorji mill-istituzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u skemi komparabbli.

¹² Rimunerazzjoni varjabbli tinkludi pagamenti jew benefiċċji addizzjonali, skont il-prestazzjoni jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, elementi kuntrattwali oħrajn, iżda mhux dawk li jiffurmaw parti mill-pakketti ta' impjegi ta' rutina (bħall-kura tas-saħħa, il-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal jew kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet regolari u proporzjonati). Għandhom jiġu inklużi kemm benefiċċji monetarji kif ukoll mhux monetarji. L-ammonti għandhom jiġu rrapportati gross, mingħajr ebda tnaqqis minħabba l-applikazzjoni tar-rata ta' skont għal rimunerazzjoni varjabbli.

Anness 2 – Informazzjoni dwar ir-rimunerazzjoni tal-membri tal-persunal identifikati

Isem tal-istituzzjoni/grupp:								
Is-sena tal-eżekuzzjoni li għaliha tingħata r-rimunerazzjoni (sena N):								
	Il-funzjoni Superviżorja tal-korp maniġerjali¹	Il-funzjoni Maniġerjali tal-korp maniġerjali²	Servizzi bankarji ta' investiment³	Servizzi bankarji bl-imnut⁴	Ġestjoni tal-assi⁵	Funzjonijiet korporattivi⁶	Funzjonijiet ta' kontroll indipendenti⁷	L-oħrajn kollha⁸
L-għadd ta' membri (in-numru ta' ħaddiema⁹)	#	#						

¹ Il-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu; dan jinkludi diretturi mhux eżekuttivi ta' kwalunkwe bord fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni, skont l-Artikolu 3(1)(8) tad-Direttiva 2013/36/UE. Il-membri għandhom jiġu assenjati f'din il-kategorija wara li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-punt 5.7 ta' dawn il-linji gwida. Il-miżati tal-attenzenza għandhom jiġu rrapportati bħala rimunerazzjoni.

² Il-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu skont l-Artikolu 3(1)(7) tad-Direttiva 2013/36/UE li għandhom funzjonijiet eżekuttivi fi ħdan il-korp maniġerjali; dan jinkludi d-diretturi eżekuttivi kollha ta' kwalunkwe bord fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni.

³ Inklużi servizzi korporattivi ta' konsulenza finanzjarja, ekwità privata, swieq kapitali, kummerċ u bejgħ.

⁴ Inklużi l-attività tal-kiri totali (lil individwi u intrapriżi).

⁵ Inklużi l-ġestjoni tal-portafoll, il-ġestjoni tal-UCITS u forum oħrajn ta' ġestjoni tal-assi.

⁶ Il-funzjonijiet kollha li għandhom responsabbiltajiet għall-istituzzjoni kollha fil-livell konsolidat u għas-sussidjarji b'funzjonijiet bħal dawn fil-livell individwali, eż. ir-Riżorsi Umani, I-IT.

⁷ Il-persunal attivi fil-funzjonijiet indipendenti tal-ġestjoni tar-riskji, tal-konformità u tal-verifika interna kif deskritti fil-linji gwida tal-EBA dwar il-governanza interna. Tali rekwiżiti tar-rapportaġġ għandhom japplikaw għal dawn il-funzjonijiet fil-livell konsolidat u għas-sussidjarji b'funzjonijiet bħal dawn fil-livell individwali.

⁸ Membri tal-persunal li ma jistgħux jiġu identifikati f'wieħed mill-oqsma tan-negozju l-oħrajn.

⁹ In-numru ta' persuni fiżiċi; numri fi tmiem is-sena.

In-numru ta' membri tal-persunal identifikati f'FTE¹⁰			#	#	#	#	#	#
In-numru ta' membri tal-persunal identifikati f'pożizzjonijiet maniġerjali gholja¹¹			#	#	#	#	#	#
Rimunerazzjoni fissa totali (f'EUR)¹²								
Li minnhom: fissi fi flus kontanti								
Li minnhom: fissi f'ishma u strumenti marbuta mal-ishma								
Li minnhom: fissi f'tipi oħrajn ta' strumenti								
Rimunerazzjoni varjabbli totali (f'EUR)¹³								

¹⁰ Il-membri tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2013/36/UE (membri tal-persunal identifikati); numri fi tmiem is-sena.

¹¹ Maniġment superjuri kif definit mill-punt 9 tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE; numri fi tmiem is-sena.

¹² Rimunerazzjoni fissa tinkludi pagamenti, kontribuzzjonijiet tal-pensjoni (mhux diskrezzjonarji) regolari proporzjonati jew benefiċċji (fejn ikunu mingħajr kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe kriterji tal-prestazzjoni).

¹³ Rimunerazzjoni varjabbli tinkludi pagamenti jew benefiċċji addizzjonali, skont il-prestazzjoni jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, elementi kuntrattwali oħrajn, iżda mhux dawk li jiffurmaw parti mill-pakketti ta' impjegji ta' rutina (bħall-kura tas-saħħa, il-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal jew kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet regolari u proporzjonati). Għandhom jiġu inklużi

Li minnhom: varjabbli fi flus kontanti								
Li minnhom: varjabbli f'ishma u strumenti marbuta mal-ishma								
Li minnhom: varjabbli f'tipi oħrajn ta' strumenti ¹⁴								
L-ammont totali ta' rimunerazzjoni varjabbli mogħtija fis-sena N u li kienet differita (f'EUR)¹⁵								
Li minnhom: varjabbli differita fi flus kontanti fis-sena N								
Li minnhom: varjabbli differita f'ishma u strumenti marbuta mal-ishma								

kemm benefiċċji monetarji kif ukoll mhux monetarji. L-ammonti għandhom jiġu rrapportati gross, mingħajr ebda tnaqqis minħabba l-applikazzjoni tar-rata ta' skont għal rimunerazzjoni varjabbli għall-kategoriji ta' rimunerazzjoni varjabbli totali, varjabbli fi flus kontanti, varjabbli f'ishma u strumenti marbuta mal-ishma, kif ukoll varjabbli f'tipi oħrajn ta' strumenti.

¹⁴ Flus kontanti jew strumenti b'konformità mal-Artikolu 94(1)(l) tad-Direttiva 2013/36/UE.

¹⁵ Rimunerazzjoni differita b'konformità mal-Artikolu 94(1)(m) tad-Direttiva 2013/36/UE. L-ammonti għandhom jiġu rrapportati gross, mingħajr ebda tnaqqis minħabba l-applikazzjoni tar-rata ta' skont għal rimunerazzjoni varjabbli differita għall-kategoriji ta' rimunerazzjoni varjabbli differita totali, varjabbli differita fi flus kontanti, varjabbli differita f'ishma u strumenti marbuta mal-ishma, kif ukoll varjabbli differita f'tipi oħrajn ta' strumenti.

fis-sena N								
Li minnhom: varjabbli differita f'tipi oħrajn ta' strumenti fis-sena N ¹⁶								
Informazzjoni addizzjonali rigward l-ammont ta' rimunerazzjoni varjabbli totali								
Artikolu 450 h(iii)CRR – l-ammont totali ta' rimunerazzjoni varjabbli differita pendenti mogħtija fil-perjodi preċedenti u mhux fis-sena N (f'EUR)¹⁷								
L-ammont totali ta' aġġustament tal- prestazzjoni <i>ex-post</i> esplicitu¹⁸ applikat fis-sena N għar- rimunerazzjoni mogħtija qabel								

¹⁶ Strumenti msemmija fl-Artikolu 94(1)(l)(ii) tad-Direttiva 2013/36/UE.

¹⁷ Din il-pożizzjoni tinkludi r-rimunerazzjoni varjabbli differita li ngħatat fil-perjodi preċedenti u li ma ġietx vestita. L-ammonti għandhom jiġu rrapportati gross, mingħajr ebda tnaqqis minħabba l-applikazzjoni tar-rata ta' skont għal rimunerazzjoni varjabbli differita.

¹⁸ Aġġustament tal-prestazzjoni *ex-post* espliċitu b'konformità mal-Artikolu 94(1)(n) tad-Direttiva 2013/36/UE.

(f'EUR)								
L-għadd ta' beneficijarji ta' rimunerazzjoni varjabbli garantita (ħlasijiet għal kuntratti ġodda) ¹⁹								
L-ammont totali ta' rimunerazzjoni varjabbli garantita (ħlasijiet għal kuntratti ġodda) (f'EUR)								
L-għadd ta' beneficijarji ta' ħlasijiet relatati mat-terminazzjoni ta' impjeg	#	#	#	#	#	#	#	#
L-ammont totali ta' ħlasijiet relatati mat-terminazzjoni ta' impjeg imħallsin fis-sena N (f'EUR)								
Artikolu 450h(v) – L-ogħla ħlas relatat mat-terminazzjoni ta' impjeg lil								

¹⁹Rimunerazzjoni varjabbli garantita b'konformità mal-Artikolu 94(1)(d) tad-Direttiva 2013/36/UE.

persuna waħda (f'EUR)								
L-għadd ta' benefiċjarji ta' kontribuzzjonijiet għall-benefiċċji tal-pensjonijiet diskrezzjonarji fis-sena N	#	#	#	#	#	#	#	#
L-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet għall-benefiċċji tal-pensjonijiet diskrezzjonarji fis-sena N(f'EUR)²⁰								
L-ammont totali ta' rimunerazzjoni varjabbli mogħtija għall-perjodi multiannwali taħt il-programmi li ma jinbidlux kull sena (f'EUR)								

²⁰ Kif definit fl-Artikolu 3(53) tad-Direttiva 2013/36/UE.

Anness 3 – Tagħrif dwar il-membri tal-persunal identifikati mħallsin is-somma ta' EUR 1 miljun jew aktar għal kull sena finanzjarja

Rappurtar skont l-Artikolu 450(1)(i) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

Rimunerazzjoni totali; marġini tal-ħlas (f'EUR)	L-għadd ta' membri tal-persunal identifikati (in-numru ta' ħaddiema ¹)
1 000 000 sa inqas minn 1 500 000	#
1 500 000 sa inqas minn 2 000 000	#
2 000 000 sa inqas minn 500 000	#
2 500 000 sa inqas minn 3 000 000	#
3 000 000 sa inqas minn 3 500 000	#
3 500 000 sa inqas minn 4 000 000	#
4 000 000 sa inqas minn 4 500 000	#
4 500 000 sa inqas minn 5 000 000	#
5 000 000 sa inqas minn 6 000 000	#
6 000 000 sa inqas minn 7 000 000	#
7 000 000 sa inqas minn 8 000 000	#
8 000 000 sa inqas minn 9 000 000	#
9 000 000 sa inqas minn 10 000 000	#
Iridu jiġu estiżi kif xieraq, jekk ikunu meħtieġa aktar marġini tal-ħlas.	#

¹ In-numru ta' persuni fiżiċi fi ħdan il-kategorija 'membri tal-persunal identifikati mħallsin is-somma ta' EUR 1 miljun jew aktar għal kull sena finanzjarja'.

